**Kunsill Lokali Ħal Balzan**

# Rapport Amministrattiv

# 2019

*Imħejji minn Doriette Farrugia, Segretarju Eżekuttiv*

## Werrej

| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **1** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **4** |
| **L-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq** | **8** |
| **Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera** | **11** |

## INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan matul is-sena. Is-sena 2019, temmet it-tmien leġislatura li l-bidu tagħha kien proprju fl-1 ta' Mejju 2015. Fl-1 ta' Lulju 2019, ingħata bidu għad-disa' leġislatura li fiha hemm bidla f'erba' Kunsilliera mil-leġislatura preċedenti.

## 2.1 Il-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan, huwa magħmul minn ħames Kunsilliera.

Bejn Jannar u Ġunju 2019, il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| In-Nutar Ian Spiteri | Sindku |
| Andre' Grech | Viċi Sindku |
| Daniel Muscat Caruana | Kunsillier |
| Desmond Zammit Marmara' | Kunsillier |
| Joe Galea | Kunsillier |

Bejn Lulju u Diċembru 2019, il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| In-Nutar Ian Spiteri | Sindku |
| Dr Angelo Micallef | Viċi Sindku |
| Stephen Gatt | Kunsillier |
| Mary Louise Briffa | Kunsillier |
| Dr Oliver Nicholas De Gaetano | Kunsillier |

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2019 u t-30 ta' Ġunju 2019 inżammu seba' (7) laqgħat tal-Kunsill, u l-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 59 - 65** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Nutar Ian Spiteri | 7 | - | - | 100 |
| 2 | Andre' Grech | 7 | - | - | 100 |
| 3 | Daniel Muscat Caruana | 4 | 3 | - | 57 |
| 4 | Desmond Zammit Marmara' | 7 | - | - | 100 |
| 5 | Joe Galea | 7 | - | - | 100 |

Bejn l-1 ta' Lulju 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019 inżammu tmien (8) laqgħat tal-Kunsill u żewġ laqgħat tal-lokalità, u l-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 1 – 8 u Laqgħat tal-Lokalità Nru. 1 - 2** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Nutar Ian Spiteri | 10 | - | - | 100 |
| 2 | Dr Angelo Micallef | 10 | - | - | 100 |
| 3 | Stephen Gatt | 10 | - | - | 100 |
| 4 | Mary Louise Briffa | 10 | - | - | 100 |
| 5 | Dr Oliver Nicholas De Gaetano | 10 | - | - | 100 |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' żewġ impjegati oħra. Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Doriette Farrugia | Segretarju Eżekuttiv |
| Mariella Casha | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Lawrence Pace | Skrivan |

Matul is-sena, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati:

| | |
|---|---|
| Martin Fenech | RSSL |
| Anthony Bray | Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF) |

li jagħmlu xogħol ta’ manutenzjoni madwar il-lokalità:

Riċentament ingħaqad magħna wkoll ħaddiem ieħor, Anthony Dimech, mill-Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF).

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll l-għajnuna ta’ dawn l-esperti:

| | |
|---|---|
| L-Avukat Abigail Critien | Servizz Legali lill-Kunsill |
| Il-Perit Anthony Bezzina | Servizz ta’ Perit |
| Is-Sur Mark Debono | Servizz ta’ *Accountant* |

biex jgħinu lill-Amministrazzjoni fix-xogħol tagħha u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Ir-responsabbiltajiet li ġew assenjati lill-Kunsilliera fil-bidu tad-Disa’ Leġislatura huma kif ġej :

**Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri**
Proġetti, L-Infrastruttura, Sports u Attivitajiet Fiżiċi

**Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef**
Il-Kultura, L-Edukazzjoni u Pubblikazzjonijiet

**Il-Kunsillier Stephen Gatt**
L-Indafa, L-Ambjent, Komunitajiet, Il-Qasam Soċjali u L-Integrazzjoni Soċjali

**Il-Kunsillier Mary Louise Briffa**
L-Anzjani, Iż-Żgħażagħ u Tfal

**Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano**
L-Innovazzjoni, Il-Ħarsien tal-Annimali u Fondi tal-Unjoni Ewropea

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

Dawn huma l-bilanċi bankarji tal-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2019:

| | |
|---|---|
| HSBC Current Account | €340,789.95 |
| HSBC Savings Account (Reġjun Ċentru) | €37,311.59 |
| BOV Savings Account | €19,367.61 |
| Cash in Hand | €126.87 |
| **Total** | **€397,596.02** |

Mit-total irid jitnaqqas l-ammont ta' €29,151.01 f'ċekkijiet li sal-31 ta' Diċembru 2019 kienu għadhom mhux imsarrfa.

## 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda)**
Wara l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Ambjent u l-Bidla fil-Klima u wara li ġiet emendata l-iskeda permezz ta' Avviż Legali, mit-2 ta' Settembru 2019, il-ġbir ta' skart imħallat (borża sewda), qed isir tliet darbiet fil-ġimgħa (nhar ta' Tnejn, Ħamis u Sibt) minflok darbtejn fil-ġimgħa.

Ir-residenti ġew infurmati b'dan it-tibdil billi tqassmet l-iskeda l-ġdida tal-ġbir ta' skart f'kull residenza fil-lokalità.

**Ġbir ta' skart oganiku**
Matul l-2019, il-Kunsill kompla għaddej bil-ġbir ta' skart organiku. Dan qed jinġabar bieb bieb nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa.

**Ġbir ta' skart riċiklabbi**
Din is-sena tkompla wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklabbli mill-kumpanija GreenPak. Dan qed jinġabar bieb bieb nhar ta' Tlieta.

**Ġbir ta' ħġieġ**
Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, jinġabar ukoll il-ħġieġ bieb bieb mill-kumpanija GreenPak.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Dan is-servizz qed jingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntattja l-Kunsill biex jagħmel appuntament. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas.

***Roadshow Campaign***
Minn Ottubru 2019, WasteServ nediet kampanja fejn darba fix-xahar, promoturi tal-immaniġġjar tal-iskart jakkumpanjaw trakk speċjalizzat f'kull lokalità. L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li jinħoloq għarfien dwar l-immaniġġjar tal-iskart biex jiżdied is-separazzjoni tal-iskart. It-trakk jaċċetta diversi affarijiet, fosthom li ma jmorrux fil-borża tal-iskart riċiklabbli bħal jablo, żejt tat-tisjir, bozoz u tessuti fost oħrajn.

Fil-każ ta' Ħal Balzan, it-trakk ikun fil-pjazza, fit-tielet Ħamis tax-xahar bejn id-9.30am u s-1.30pm.

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalità tinżamm fi stat nadif. Kull triq fil-lokal tinkines darbtejn fil-ġimgħa. Ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun ta' spiss.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**
Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar *patching* fihom għal aktar minn darba. Sar ukoll manutenzjoni tal- bankini fejn kien meħtieġ.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**
Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-*Handyman* li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq.

***Tenders***
Matul is-sena il-Kunsill ħareġ 2 *Tenders:*
- *Collection of Household Waste from the locality of Ħal Balzan using environmentally friendly transportation services*
- *Services of an Accountant and Accounting Technician*

**Ħarġiet għall-Anzjani**
Matul din is-sena, ġew organizzati 8 ħarġiet (3 minnhom kienu fil-leġislatura preċedenti) biex jgħinu lill-anzjani jissoċjalizzaw. Il-ħarġiet huma popolari ħafna u jkunu mistennijja b'entużjażmu. Dawn il-ħarġiet huma ssussidjati mill-Kunsill.

**Vaċċin tal-Influwenza**
Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill ipprovda s-servizz li jamministra l-vaċċin tal-influwenza. Ir-residenti ta' Ħal Balzan li għandhom iktar minn 55 sena ngħataw il-possibbilta' li jirċievu l-vaċċin kontra l-influwenza mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-vaċċin ingħata lil 185 persuna, it-Tlieta, 5 ta' Novembru 2019. Dan is-servizz, bħal kull sena, kien mingħajr ħlas.

***Pride Week***
Din is-sena, il-Kunsill ħa sehem fl-inizjattiva ta' *Pride Week,* fejn bejn is-6 u l-15 ta' Settembru ttellgħat il-*Pride Flag* fuq l-arblu ta' quddiem il-Kunsill.

***Pink October***
Din is-sena, il-Kunsill wera s-sapport tiegħu għall-inizjattiva *Pink October* billi xegħel il-faċċata tal-uffiċċju u l-*playing field* b'dawl roża, tul ix-xahar t'Ottubru 2019.

**Jum Ħal Balzan**
Jum Ħal Balzan ġie ċċelebrat il-Ħadd, 20 ta' Ottubru 2019. Fl-istess ġurnata kien hemm l-għotja tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan.

Iċ-ċelebrazzjonijiet kienu jikkonsistu f'Quddiesa għall-okkażjoni li saret fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan, il-preżentazzjoni tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan u riċeviment għand *Opera Caffe.*

Il-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan din is-sena ingħata lill-
- Maestro Lawrence Scicluna fil-katergorija Lokali;
- Hospice Malta fil-kategorija Nazzjonali u
- Kurt Cassar fil-kategorija Internazzjonali.

***First Aid Course***
Din is-sena ġie organizzat *First Aid Course* għar-residenti. Dan il-kors ta' żewġ sessjonijiet, li ingħataw minn *St. John Ambulance,* sar f'Novembru 2019, fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali.

**Tiżjin ta' toroq bid-dwal tal-Milied**
Bħas-snin ta' qabel, din is-sena il-Kunsill reġa' ħaseb biex fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, jiżżejnu u jinxtegħlu xi toroq b'dawl dekorattiv. L-ispiża ġiet iffinanzjata mill-Kunsill Reġjonali Ċentru permezz ta' Skema biex jiġu rifonduti spejjeż relatati ma' attivitajiet / armar ta' żmien il-Milied.

## 3.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u tliet Kunsilliera.
- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani.

Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsilliera bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalità, u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali m'hu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalità.

## 3.4 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

**L-Uffiċċju Amministrattiv**
L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, ir-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali , permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri li jinħarġu minn żmien għal żmien, li jara lid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati.

**Impjegati tal-Kunsill**
Matul din is-sena kien hemm żieda qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill.

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa impossibbli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu. Ix-xogħol meħtieġ sabiex

jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Balzan, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbiltà kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali Ħal Balzan qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 3.5 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan għas-sena 2019. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri, tas-sapport u l-impenn sħiħ tiegħu u lill-Kunsilliera tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut lejn ir-residenti u l-lokalità. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**IFFIRMAT**

_________________________

Doriette Farrugia
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DĦUL U L-INFIQ

| | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| **Id-Dħul** | **€** | **€** |
| Mill-Gvern | **333,927** | 311,028 |
| Minn Kontravenzjonijiet | **1,898** | 2,232 |
| Ġenerali | **28,282** | 28,185 |
| **Total** | **364,107** | 341,445 |
| **L-Infiq** | | |
| Salarji | **(93,517)** | (80,656) |
| *Operations and Maintenance* | **(139,438)** | (137,746) |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | **(106,478)** | (248,166) |
| **Total** | **(339,433)** | (466,568) |
| **Bilanċ / (Defiċit)** | **24,674** | (125,123) |

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DĦUL FID-DETTALL

| | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **Dħul mill-Gvern** | | |
| Allokazzjoni Annwali | **304,802** | 288,968 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | **24,665** | 0 |
| Dħul ieħor Supplimentari | **4,460** | 22,060 |
| | **333,927** | 295,516 |
| **Dħul minn Kontravenzjonijiet** | | |
| Dħul minn *LES administration fees* | **1,898** | 2,232 |
| *LESA Distribution* | **0** | 0 |
| | **1,898** | 2,232 |
| **Dħul Ġenerali** | | |
| Permessi | **26,270** | 22,875 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | **2,012** | 2,100 |
| *Insurance Refund* | **0** | 3,210 |
| | **28,282** | 28,185 |
| **Dħul Totali** | **364,107** | 341,445 |

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| **Salarji** | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Onorarja tas-Sindku | **9,590** | 7,464 |
| Salarju tas-Segretarju Eżekuttiv | **30,586** | 29,730 |
| Salarji tal-Impjegati | **38,015** | 31,901 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | **5,826** | 5,161 |
| *Allowances* tal-Kunsilliera | **9,500** | 6,400 |
| | **93,517** | 80,656 |

***Operations and Maintenance***

| | | |
|---|---|---|
| **Tiswijiet u Manutenzjoni:** | | |
| Sinjali u Tabelli tat-Traffiku | **2,674** | 2,456 |
| *Public Property* | **15,868** | 15,340 |
| Marki tat-Traffiku | **1,187** | 1,577 |
| Tiswijiet u Manutenzjoni Oħra | **437** | 3,514 |
| | **20,166** | 22,887 |

| | | |
|---|---|---|
| **Spejjeż ta' Kuntratti:** | | |
| Ġbir ta' Skart | **67,885** | 65,601 |
| Ġbir ta' Skart Goff | **8,444** | 4,765 |
| Knis u Tindif ta' Toroq | **33,969** | 33,184 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika | **3,316** | 3,550 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-*Parks & Gardens* | **2,775** | 3,027 |
| Tiswijiet u Manutenzjoni tad-dawl tat-toroq | **2,883** | 2,869 |
| Oħrajn | **0** | 1,863 |
| | **119,272** | 114,859 |
| | **139,438** | 137,746 |
| **Amministrazzjoni u Spejjeż Oħra** | | |
| Dawl, ilma, telefon, internet, etc | **4,036** | 6,958 |
| Xiri ta' materjal (*Materials & Supplies*) | **579** | 658 |
| Kera | **1,850** | 10,175 |
| *Lease Interst* | **1,001** | 0 |
| *Memberships* | **1,231** | 648 |
| Spejjeż tal-uffiċċju | **3,573** | 3,198 |
| Trasport | **1,536** | 6,306 |
| Informazzjoni lill-Pubbliku | **1,350** | 232 |
| Servizzi Professjonali | **24,847** | 14,611 |
| Taħriġ | **462** | 207 |
| Servizzi lill-Komunità u Attivitajiet | **8,706** | 6,925 |
| *Local Enforcement Expenses* | **334** | 87 |
| Spejjeż oħra varji | **30** | 0 |
| *Depreciation* | **56,943** | 198,161 |
| | **106,478** | 248,166 |
| **Infiq Totali** | **339,433** | 466,568 |

## Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera minn Lulju sa Diċembru 2019

### Is-Sindku in-Nutar Ian Spiteri
Responsabbli mill-Proġetti, l-Infrastruttura, Sports u Attivitajiet Fiżiċi

Fit-18 ta' Ġunju, 2019 ingħatajt il-Ġurament tal-Kariga ta' Kunsillier, sabiex fit-3 ta' Lulju, 2019 kelli l-unur li nerġa' niġi kkonfermat Sindku ta' Ħal Balzan wara ċerimonja qasira li fiha ħlift li naqdi fedelment id-dmirijiet tiegħi. Għalija dan ma kienx bidu ieħor ġdid imma kontinwazzjoni fuq ix-xogħol li kont bdejt u bnejt fis-snin preċedenti. L-ewwel uġiegħ ta' ras li kelli kienet sabiex nassenja d-dekasteri lill-Kunsilliera eletti; ridt naċċerta ruħi li kull Kunsillier jingħata dawk id-dekasteri li l-aktar jirriflettu l-kompetenza u kapaċitajiet individwali tiegħu jew tagħha. Wara xhur ta' ħidma, illum nikkonferma li l-għażla li għamilt kienet waħda għaqlija.

Mill-ewwel sibt il-ġimgħa tal-Festa ma' wiċċi. Dan kien ifisser ħafna ko-ordinament ma' diversi entitajiet, sija soċjali, ekklesjastiċi u amministrattivi/governattivi. F'kull festa dejjem jinqalgħu numru ta' sfidi, fosthom is-sigurtà tar-residenti, u kif ukoll il-bilanċ bejn l-interessi u bżonnijiet tar-residenti u dawk tal-każini. Nirringrazzja lil Alla li kollox għadda b'wiċċ il-ġid!

Fil-11 ta' Lulju, 2019 attendejt l-ewwel konferenza uffiċjali tiegħi li trattat dwar Linji Gwida Fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali, fejn ingħatat spjegazzjoni dettaljata ħafna dwar kif iridu jintefqu ċertu fondi li jingħataw għal dan l-iskop. F'din il-konferenza l-Kunsill tagħna (flimkien ma' kunsilli oħra) ingħata somma sabiħa sabiex tintuża għal dawn l-Inizjattivi.

Però, il-ħidma prinċipali tiegħi kienet iffukata fuq tliet toroq prinċipali, u ċioe', il-Central Link Project, Wied Ħal Balzan, u Triq il-Ferrovija l-Qadima. Fit-23 ta' Lulju, 2019, wara laqgħa urġenti li jien sejjaħt ma' Infrastructure Malta dwar il-Central Link Project, kont ġejt żgurat li l-ebda siġra ma kienet se tinqala' kemm minn Vjal de Paule u lanqas minn Triq l-Mdina (in-naħa ta' Ħal Balzan). Din il-laqgħa kont sejjaħtha preċiżament minħabba l-fatt li fuq il-media soċjali kien hemm min beda jispekula b'mod qawwi li dawn l-istess toroq kienu se jesperjenzaw rovina ambjentali.

Ġimgħa wara, u ċioe' fit-30 ta' Lulju, 2019, wara xhur ta' pressjoni kbira sija fuq id-dipartimenti u awtoritajiet governattivi u sija fuq il-Ministri/Segretarji Parlamentari rispettivi, ħabbart li l-borża s-sewda kienet se tibda tinġabar ukoll kull nhar ta' Tnejn b'effett mit-2 ta' Settembru, 2019. Ir-residenti kienu qed ibgħatu ħafna għall-fatt li din il-borża kienet qed tinġabar biss darbtejn fil-ġimgħa, mentri l-maggior parti tal-lokalitajiet l-oħra f'Malta, kienu qed igawdu minn tlett ġabriet fil-ġimgħa. Il-proċess kien wieħed twil u sa tlabna żewġ PQ's, biex xhur wara inħareġ l-Avviż Legali relattiv.

Il-proġett ta' Wied Ħal Balzan ġab miegħu problemi kbar ħafna, mhux biss għall-Kunsill iżda anke għalija personali. Għalkemm kulħadd jaf li l-amministrazzjoni infrastrutturali waqt proġett ta' triq ġdida taqa' fl-intier tagħha f'idejn l-Infrastructure Malta u Transport Malta, ir-residenti ma riedux jifhmu u jaċċettaw dan il-fatt, u għalhekk, kull problema li kienet tinqala' ta' kuljum, kienet tintefa' f'ħoġor il-Kunsill. Il-pressjoni fuqi kienet tant kbira li f'waqt minnhom kont anke qed nikkonsidra nitfa' r-riżenja tiegħi għax bdiet taffettwali saħħti u l-ħajja privata tiegħi. Bħala Kunsill għamilna pressjoni kbira ħafna kemm fuq il-Ministru u kif ukoll fuq kull entità involuta, għax id-dewmien eżaġerat kien wieħed mhux aċċettabbli. Filwaqt illi fhimna l-komplikazzjonijiet tal-proġett, it-tbatijta tar-residenti kienet saret insapportabbli. Ftit ta' ġimghat ilu l-proġett ġie inawgurat, filwaqt li baqa' ċertu irtokki xi jsiru u ċertu miżuri x'jittieħdu, speċjalment fejn jirrigwarda s-sewqan eċċessiv, u għalhekk ressaqna talba għal speed cameras fl-istess triq.

Fl-istess waqt kien qed isir il-proġett ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima, proġett li tlesta f'perjodu iqsar milli ħsibna. Il-kuntrattur ħadem b'mod diliġenti fejn ħares l-interessi tar-residenti u kif ukoll tas-sewwieqa. Bħal fil-każ ta' Wied Ħal Balzan, jien kont kważi ta' kuljum inżur il-ħaddiema u x-xogħlijiet sabiex naċċerta ruħi li dawn qed isiru kemm skont il-ftehim milħuq u kif ukoll tant li ma jkunux ta' detriment għar-residenti. Din

l-istess triq ifetħet ftit tax-xhur ilu, u kburi ngħid li l-erba' snin ta' pressjoni li l-Kunsill immexxi minni għamel fuq l-awtoritajiet, issarfet f'żewġ toroq prinċipali ġodda li kienu ilhom għexieren ta' snin biex isiru.

Il-ħidma tiegħi ma waqfitx hawn… attendejt numru ta' laqgħat u konferenzi importanti fosthom dwar id-Donazzjoni tal-Organi w il-Laqgħa Plenarja tas-Sindki, fost numru ta' laqgħat oħra mar-residenti u entitajiet fi ħdan ir-raħal. Ikkordinajt ukoll l-attività ta' Ġieħ Ħal Balzan li għal darb'oħra kienet suċċess kbir. Ħdimt ukoll flimkien mal-Viċi Sindku sabiex illum niftaħru bil-librerija tagħna; grazzi għall-ħaddiema tagħna li għamlu xogħol ta' restawr fuq l-ixkafef li ġentilment ingħataw lilna minn individwu li kien se jarmihom.

Fil-qasam ambjentali kburi ngħid li tajt kontribut kbir f'żewġ aspetti… l-ewwel waħda, f'dak li jirrigwarda tħawwil ta' siġar, f'temp ta' xahar ħawwilna kważi sittin siġra f'raħal li sfortunatament ma tantx għandu ġonna jew spazji pubbliċi. Il-maggior parti kbira minn dawn is-siġar ingħataw b'donazzjoni wara negozjati ma' Infrastructure Malta (IM). Mhux biss, imma irnexxieli inġib pakkett li jaċċerta ż-żamma tajba ta' dawn is-siġar, għax dawn se jibqgħu jissaqqew u jiġu kultivati mill-istess kuntrattur għal żmien sena u possibbilment aktar sakemm jaqbdu l-għeruq. Nixtieq nirringrazzja lil IM għall-impenn tagħhom f'dar-rigward. Però kburi ukoll mill-fatt illi fit-13 ta' Ottubru, 2019 għaddiet il-Bye-Law dwar il-Kontroll tal-Ħamiem, u dan wara mozzjoni li jien kont ressaqt fil-Kunsill preċedenti u insistenza tiegħi fix-xhur sussegwenti.

Nagħlaq, kif jidher minn dan ir-rapport, huwa ċar li l-ewwel sitt xhur kienu impenjattivi immens, xogħol iebes u bla waqfien, però dan ma kienx ikun possibbli li kieku ma ngħatajtx is-sapport kollu u l-assistenza neċessarja sija mis-Segretarju Eżekuttiv, sija mill-ħaddiema kollha fi ħdan il-Kunsill, u sija minn sħabi l-Kunsilliera.

**Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef**
Responsabbli mill-Kultura, l-Edukazzjoni u Pubblikazzjonijiet

**Bidu tal-Ħidma**
Is-sena 2019 bdiet fl-1 ta' Lulju 2019 hekk kif ġie fi tmiemu l-mandat tal-Kunsill preċidenti u beda t-terminu tal-Kunsill preżenti. Fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali s-Sindku n-Nutar Ian Spiteri assenjali d-dekasteri ta' l-edukazzjoni, l-kultura u l-pubblikazzjonijiet. Addizjonalment ġejt assenjat ukoll il-ħidma li nkun ir-rappreżentant tal-Kunsill Lokali fuq il-Kunsill Reġjoni Ċentru bis-Sur Stephen Gatt bħala membru supplimentari.

**Kors tal-*First Aid***
Bħala l-kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni pproponejt sabiex il-Kunsill Lokali jaħdem id f'id ma' xi għaqda li toffri korsijiet tal-*First Aid* sabiex isir kors tal-*First Aid* f'Ħal Balzan. Ġie maqbul li jsir kors tal-First Aid flimkien mas-St. John Ambulance Brigade liema kors sar fit-12 u 14 ta' Novembru fiċ-Ċentru Parrokjali. Dan il-kors kellu attendanza massima u kien wieħed fejn il-parteċipanti ġew mgħotija ċertifikazzjoni.

**Seminar dwar il-*Fire Safety***
Fid-9 ta' Frar 2020 sar seminar ta' għarfien dwar in-nirien fid-djar. Dan is-seminar sar b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u s-St. John Rescue Corps u kien kontinwazzjoni mal-kors tal-*First Aid*. Is-seminar sar fis-Sala Aurora u huwa maħsub li potenzjalment fil-futur jiġu esplorati sessjonijiet ta' taħriġ prattiku b'rabta ma' dan is-suġġett li qanqal interess. L-ippjanar għal dan is-seminar sar fl-aħħar ġimgħat tas-sena 2019 propju fl-istess waqt li saru t-tħejjijiet għal-kors tal-*First Aid*.

**Librerija Miftuħa**
Fi Frar 2020 bdiet topera l-librerija miftuħa fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-ħidma hawn kienet ilha għaddeja qatiegħ sa mill-aħħar ġimgħat tas-sena 2019. Wara ħafna diskussjonijiet anke ma' residenti, l-Kunsill wasal għal konklużjoni li l-aħjar post huwa li ssir librerija miftuħa fl-uffiċċju tal-Kunsill. L-ixkaffar għal din il-librerija ġie miksub grazzi għal intervent dirett mis-Sindku n-Nutar Ian Spiteri.

Il-librerija toffri opportunita' sabiex jiġi promoss il-qari f'Ħal Balzan u tagħmilha aktar faċli li wieħed jikseb firxa wiesgħa ta' kotba filwaqt li toffri wkoll opportunita' għal riċiklaġġ ta' kotba minflok ma' dawn jiġu mgħormija.

Fuq nota personali nirrigrazzja lill-bosta residenti li tawni kotba għal din il-librerija liema kotba żdiedu ma' xi kotba li xtrajt jien bħala ġest żgħir ta' appoġġ u li żdiedu mal-ħafna u ħafna kotba li numru kbir ta' residenti wasslu l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

***E-Newsletter***
Għaddejja ħidma flimkien mal-providut tas-servizzi tal-IT tal-Kunsill sabiex titwaqqaf *newsletter* elettronika. Din in-*newsletter* elettronika huwa maħsub li għandha tiġi ppubblikata għall-ewwel darba f'Mejju jew Ġunju 2020 u huwa maħsub li tibda toħroġ fuq bażi ta' 4 darbiet fis-sena. Dan ikun mezz kif il-Kunsill jżomm lir-residenti aġġornati mingħajr fl-istess ħin ma' jintużaw karti jew jiġu skomodati residenti permezz ta' korrispondenza addizzjonali fil-kaxxa postali. In-*newsletter* elettronika ser tkun taħdem fuq bażi ta' *subscription*.

**Monument**
Il-Kunsill qiegħed jaħseb għal proġett ta' *traffic island* biżwit Triq Qarċilla sabiex din tirregola aħjar il-*flow* tat-traffiku. Hawn qiegħed jiġi maħsub li sabiex iż-żona tissebbaħ l-msemmija traffic island isservi wkoll ta' embelishment permezz ta' monument għall-identità Balzanija. Għal dan il-għan saret kompetizzjoni għal disinji ta' dan il-monument. Kompetizzjoni li rat interess mifrux u li waslet għal disin rebbieħ. Huwa maħsub li matul is-sena 2020 ser tkompli l-ħidma fuq dan il-proġett ambizzjuz sabiex id-disin rebbieħ jingħata l-ħajja u jsir' realta'.

**Preżenza fuq Facebook**

Qiegħed isir sforz sabiex fuq Facebook jingħataw risposti kemm jista' jkun malajr lil messaġġi privati li jaslu fuq il-paġna tal-Kunsill. Qiegħed isir sforz ukoll sabiex kull post tal-Kunsill tkun bi-lingwi sabiex tiġi rrispetata l-kostituzzjoni ta' Malta li tgħid li l-ilsien Malti huwa l-ilsien nativ ta' dan il-pajjiż filwaqt li l-Ingliż huwa lsien uffiċjali.

Il-Kunsill qiegħed ukoll jara li fuq il-paġna ta' Facebook jiġu ppubblikati wkoll notifiki ta' relevanza għal Ħal Balzan u aġġornamenti dwar il-ħidma tal-Kunsill.

Qiegħed ukoll isir sforz sabiex il-materjal li jkun hemm fuq il-paġna uffiċjali jiġi shared ukoll fuq il-grupp Balzan People bl-għan li jintlaħħqu aktar residenti.

***Active Ageing***

Flimkien mal-Kunsilliera Mary Louise Briffa saret laqgħa mad-dipartiment tal-*Active Ageing and Community Care* bl-għan li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan jieħu sehem f'din l-iskema. Sabiex il-loġistika tkun waħda li tippermetti benefiċċju massimu min din l-iskema nbdew diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali ta' l-Iklin sabiex issir ħidma konġunta f'dan ir-rigward. Huwa mistenni li dawn id-diskussjonijiet potenzjalment iwasslu sabiex il-Kunsill ta' Ħal Balzan flimkien ma' dak ta' l-Iklin jibbeneffikaw mill-iskema ta' l-*Active Ageing Classes*. It-tir huwa li din il-ħidma tiġi kompluta matul is-sena 2020.

**Laqgħa b'urġenza**

Fit-13 t'Awwissu 2019 il-Kunsill tlaqqa b'urġenza wara mozzjoni mressqa minni u sekondata mis-Sur Stephen Gatt. Il-mozzjoni, li tul il-laqgħa kisbet appoġġ unanimu, wasslet sabiex il-Kunsill Lokali ħareġ stqarrija għall-istampa dwar is-sitwazzjoni fil-Wied ta' Ħal Balzan fejn sar appell sabiex ix-xogħol jitlesta' b'mod għaqli u diliġenti iżda fl-iqsar żmien possibli fl-aħjar interess tar-residenti Balzanin. Din l-istqarrija kisbet l-attenzjoni tal-media Maltija; kemm dik ta' televiżjoni u radju kif ukoll dik stampata u ta' portals. L-istqarrija kienet waħda li baqgħet il-bogħod minn kull ton politiku partiġġjan u ffukat fuq l-interess tar-residenti.

**Kunsill Reġjonali Ċentru**

Ħal Balzan huwa membru tal-Kunsill Reġjonali Ċentru li huwa mmexxi mill-President Michael Fenech Adami. Dan il-Kunsill jiltaqa' darba fix-xahar b'Ħal Balzan ikun preżenti f'kull laqgħa mingħajr eċċezjoni.

Mill-ħidma ta' dan ir-reġjun Ħal Balzan ibbenefika minn fondi li kienu strumentali sabiex sar tiżjin tal-Milied fit-toroq ta' Ħal Balzan, sabiex saret ħidma ta' embelishment fil-lokalita' u sabiex il-kunsill għen f'inizjattivi permezz ta' parteċipazzjoni f'ħidma minn għaqdiet tal-lokal.

Il-ħidma ser twassal ukoll sabiex il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan misteni jikseb aċċess għal fondi addizjonali li jaqbżu it-30,000 elf Ewro matul il-bidu tas-sena 2020. Dan apparti it-8,000 Ewro f'fondi diġa miksuba matul is-sena 2019, fondi li, fost oħrajn, minnhom gawdew ukoll numru ta' għaqdiet volontarji fil-lokalita'.

Il-parteċipazzjoni attiva ta' Ħal Balzan wasslet ukoll sabiex kien possibli li dawk interessati ħadmu sehem f'bosta inizjattivi edukattivi u kulturali mħejjija mil-Kunsill Reġjonali Ċentru.

Fuq livell informali l-ħidma f'dan il-Kunsill Reġjonali tiftaħ ukoll beraħ il-possibilita' ta' kooperazzjoni informali ma' Kunsilli Lokali oħra fosthom kunsilli ġirien b'interessi komuni bħal Ħal Lija, Ħ'Attard u l-Iklin fost oħrajn.

**Il-Kunsillier Stephen Gatt**
Responsabbli mill-Indafa, l-Ambjent, Komunitajiet, il-Qasam Soċjali u l-Integrazzjoni Soċjali

Meta rajt dawn id-dekasteri li jintegraw ma' xulxin organizzajt il-ħin b'dan il-mod.

Nattendi l-uffiċċju tal-Kunsill regolari biex b'hekk ikolli first hand information fuq l-ilmenti u s-suġġerimenti tan-nies, fejn jien nista' nieħu l-passi neċessarji biex jekk ikun hemm bżonn immur fuq il-post fiżikament.

L-ewwel ħaġa li għamilt għaliex għalija personali hija importantissima, hija li nitkellem one to one mall-persuni konċernati man-negozji żgħar, bħal ngħidu aħna ħwienet tal-merċa, ristoranti, klabbs u ħafna oħrajn bħal dawn. B'dawn it-taħdidiet qed nipprova niġi f'konklużjoni biex l-iskart jiġi iżjed ikkontrollat, iżda jiddispjaċini ngħid li għadna ma wasalniex għax kull stabilliment għandu diversi arranġamenti. Hemm min hu għola u min hu irħas fil-prezzijiet.

Organizzajt sotto kumitat fuq l-ambjent, dawn huma is-Sur Publius Cordina u s-Sur Silvio Scicluna. Huma qegħdin jistudjaw biex l-ewwel nara fejn nistgħu niżiraw iżjed siġar u nistgħu nsebbħu iżjed l-ambjent bil-pjanti.

Fuq qasam soċjali u integrazzjoni soċjali qegħdin nipparteċipaw fuq programm tal-Wellbeing ma' Dr Virginia Monteforte. Fejn intqajna ma' diversi nies taħt il-patronċinju tal-President Emeritus Dr Marie Louise Coleiro Preca, emigrant (Bon Pastur), u mall-istudenti tal-kulleġġ ta' San Alwiġi Skola Primarja. Fejn niddiskutu primarjament fuq l-ambjent ta' Ħal Balzan, x'jintgħoġob u x'ma jintgħoġobx. F'dawn il-laqgħat ġew mistiedna diversi nies minn Ħal Balzan biex jagħtu l-esperjenza tagħhom fuq il-ħajja soċjali tar-raħal.

**Il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa**
Responsabbli mill-Anzjani, iż-Żgħażagħ u Tfal

## Tfal

Meta fil-kampanja tiegħi kont qed indur bieb bieb, ħafna mill-ġenituri għaddewli xi ftit suġġerimenti li wieħed jista' jagħmel. Id-dekasteru tat-tfal jaqa' taħti u jien bdejt naħdem fuqhom kemm ma' xi wħud minn sħabi l-kunsilliera u anke kunsilliera li huma ġo rħula oħra żgħar.

Dawn jirrigwardaw: Kunsill tat-tfal, Sports day u Ħarġiet edukattivi.

L-iżvantaġġ li għandna aħna fir-raħal li huwa raħal żgħir u l-ispazju huwa limitat, għalhekk jien u l-Vici Sindku li wieħed mid-dekasteri tiegħu huwa l-Edukazzjoni qegħdin niddiskutu mal-Kunsill Lokali tal-Iklin sabiex nibdew nikkollaboraw magħhom għaliex għandhom sala kbira u spazjuza fejn wieħed jista' jorganizza xi wħud mill-ideat msemmija.

Qegħdin isiru taħdidiet biex fix-xhur li ġejjin jibda l-proġett il-ġdid tal-bandli peress li l-bandli preżenti qegħdin fi stat ħażin.

## Żgħażagħ

F'dan ir-rigward, jien u sħabi l-kunsilliera ltqajna ma' persuni li huma inkarigati miċ-Ċentru taż-Żgħażagħ, biex naraw kif nistaw ngħinu fil-problema li tfeġġitilhom meta spiċċaw mingħajr post fejn jiltaqaw. Minħabba li dan il-grupp għadu m'huwiex VO ma setgħetx issir applikazzjoni għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja, mill-kunsillier li taħtu jaqa' dan id-dekasteru.

Iż-żgħażagħ fil-ħajja mgħaġġla u kumplessa tal-lum jaffaċjaw ħafna problemi li jikkaġunaw pressjonijiet u stress diversi matul perjodijiet differenti. Għalhekk, qegħdin naħdmu biex norganizzaw sessjonijiet varji speċifikament għaż-żgħażagħ biex jirnexxilhom jegħlbu dawn id-diffikultajiet li jaffaċjaw. Fost dawn is-sessjonijiet ħa jkun hemm dwar stress management, sikurezza online u inspirational talks.

## Anzjani

L-anzjani huwa dekasteru importanti u delikat għaliex dawn huma n-nies li taw ħafna lis-soċjetà . Jien bdejt naħdem fuq dan id-dekasteru b'mod immedjat u b'attenzjoni kbira. L-ewwel ma bdejt naħdem biex nagħmel transport għall-anzjani tar-raħal, li jibda b'darba fil-ġimgħa imbgħad jiżdied skond id-domanda. Is-servizz jikkonsisti *f'shuttle service* mill-pjazza tar-raħal filgħodu u jwassal l-anzjani sal-berġa tas-saħħa ta' B'Kara u wara jibqa' sejjer l-isptar Mater Dei. Meta avviċinajna is-Segretarju Parlamentari inkarigat, sirna nafu li l-unika servizz possibli hu tat-tuctuc, li pero jsir biss ġol-istess raħal, għalhekk ma jgħoddx għar-raħal tagħna. Ghalhekk, ftaħna l-offerti biex norganizzaw dan is-*shuttle* u mill-offerti sibna li kienet ħa tiswa' €39 kull vjaġġ u għalhekk ġiet irrifjutatha mill-Kunsill minħabba fondi. Minħabba f'hekk qegħdin f'taħdidiet mal-Ministru kkonċernat biex forsi ningħataw xi għajnuna biex dan il-progett ikun possibli.

Punt ieħor li qed naħdem fuqu u li nispera li jiġi finalizzat fix-xhur li ġejjin hu li infermiera tiġi d-dar biex tieħu testijiet tad-demm lill-anzjani u għalhekk l-anzjani jevitaw l-iskariġġ li joħorġu minn ġo darhom għal dan is-servizz.

Jien u l-Viċi Sindku qegħdin għaddejin b'diskussjonjiet mal-Kunsill Lokali tal-Iklin biex nkunu nistgħu norganizzaw diversi attivatijiet lill-anjzani li ġew offruti lilna mill-Gvern. Dawn l-attivatijiet jinkludi diskussjonijiet fuq is-saħħa, eżerċizzju, krafts u ħafna oħrajn.

Bi pjaċir ngħid li l-ħarġiet ta' kull xahar, kull ma' jmur, qegħdin dejjem isiru iżjed popolari. L-attendenza qegħda tiżdied xahar wara xahar u dan huwa dovut għal l-għażla tal-post u l-prezzijiet raġonevoli. Il-ħsieb tagħna hu li fis-sajf norganizzaw transport għall-baħar fejn ġejt mitluba minnhom stess.
Ta' dan nixtieq nirringrazzja lis-sotto kumitat tiegħi tal-għajnuna tagħhom li jagħtu. Dawn huma Mary Rose Cutajar u Catherine Zerafa.

**Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano**
Responsabbli mill-Innovazzjoni, il-Ħarsien tal-Annimali u Fondi tal-Unjoni Ewropea

**L-Innovazzjoni**

F'dak li jirrigwardja d-dekasteru tal-innovazzjoni, qiegħed nistinka flimkien mal-Kunsilliera inkarigata mid-dekasteru tal-anzjani sabiex inkunu nistgħu nipprovdu trasport għall-anzjani tar-raħal darbtejn fil-ġimgħa, fejn ikun hemm 'shuttle service' li jitlaq mill-pjazza tar-raħal filgħodu li jwassal lill-anzjani sal-berġa tas-saħħa ta' Birkirkara u wara l-vann jibqa' sejjer sal-iSptar Mater Dei. Meta avviċinajt lis-Segretarju Parlamentari inkarigat mill-Ħarsien tal-Anzjani, sirt naf li l-unika servizz li attwalment hu possibbli hu dak tat-'tuc tuc', fejn l-anzjani jiġu mwassla minn post għal ieħor fl-istess raħal, biss it-'tuc tuc' ma jkunx jista' jixref il-barra mill-parametri tal-istess raħal fejn ikun qiegħed joffri s-servizz. Għaldaqstant ninsab attwalment nikkollabora mal-Ministeru tas-Saħħa, sabiex nivverifikaw jistax ikun possibbli li nwasslu lill-anzjani tar-raħal tal-inqas sal-berġa tas-saħħa ta' Birkirkara kif ukoll sal-iSptar Mater Dei mingħajr ebda ħlas minn tal-inqas darbtejn f'ġimgħa.

**Il-Ħarsien tal-Annimali**

Meta dort Ħal Balzan bieb, bieb fil-kampanja tiegħi, skoprejt kemm il-Balzanini huma verament nies li jħobbu l-annimali. F'dak li jirrigwardja l-ħarsien tal-annimali, din is-sena l-gvern nieda skema speċifikament intiża sabiex tagħti spinta lil dawk kollha li jieħdu ħsieb il-ħbieb tagħna b'erba' saqajn li ma jistgħux jiddefendu ruħhom u li jiddependu fuq il-qalb tajba ta' dawk ir-residenti li jieħdu ħsiebhom. Għaldaqstant il-Gvern qiegħed jipprovdi għotjiet lil dawn il-persuni u din l-iskema qed tinħadem permezz ta' kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kunsilli Lokali madwar Malta u Għadwex. L-oqsma ta' prijorità għall-għotjiet fl-2019 huma kif ġej:

(i) *Cat cafes*;
(ii) *Parks* tal-Klieb;
(iii) Programmi ta' Neutering (inkluż il-*microchipping* ta' annimali);
(iv) Proġetti ta' manutenzjoni għal stazzjonijiet tal-qtates eżistenti;
(v) Inċentiv tas-Servizz Veterinarju għal annimali mhux maħruġa;
(vi) Il-promozzjoni u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' għarfien dwar l-annimali;
(vii) kontribuzzjoni lejn spejjeż speċifiċi bħal mediċini, ikel u trasport;
(viii) oqsma oħrajn relevanti jistgħu jiġu kkunsidrati bl-approvazzjoni tas-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Fond tal-Proġett CARE LC.

Meta bħala Kunsill Lokali analizzajna mill-qrib, liema mill-oqsma msemmija huma l-iżjed meħtieġa fil-kuntest tar-raħal ta' Ħal Balzan, rajna li peress li f'Ħal Balzan hemm għadd mhux ħażin ta' qtates, kif ukoll ta' persuni li jagħlfu dawn l-istess qtates, ħassejna li tkun ħaġa opportuna li tagħmel sens li napplikaw għal fondi sabiex inkunu nistgħu nħaffu daqxejn il-piż finanzjarju li jaffaċċjaw dawk il-persuni li ġentilment mhux biss jagħżlu li minn buthom joħorġu l-flus sabiex mhux biss jitimgħu, iżda anka jieħdu l-qtates għand il-veterinarji tal-fiduċja tagħhom sabiex isewwu dawn il-qtates. Huwa propju hawnhekk fejn jidħlu n-*neutering programmes*. B'hekk biss jista' jkun assigurat li tali qtates ma jkomplux jipprokreaw b'mod lampanti li l-għadd ta' dawn il-qtates ma jiżdiedx b'mod li jkun impossibbli li wieħed jaffordja li jixtri l-ikel u li jieħu ħsiebhom kollha, bir-riżultat li l-qtates jibdew intortament ibatu l-ġuħ u ma jkunux jistgħu jingħataw il-kura u l-attenzjoni medika li jkollhom bżonn.

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan applika għall-fondi sabiex ikunu jistgħu jiġu msewwija medja ta' erbgħa u tletin (34) qattus, kif ukoll fondi sabiex jinxtraw żewġ 'cat traps' sabiex il- qtates ikunu jistgħu jiġu maqbuda sabiex jittieħdu għand il-veterinarji mhux biss meta tkun se ssirilhom l-operazzjoni biex jiġu msewwija, iżda kull darba li tkun trid tingħatalhom xi forma ta' attenzjoni medika, anka jekk dan ikun sempliċiment *check-up* regolari. Dawn il-*cat traps* ikunu jistgħu jinżammu fil-bini tal-Kunsill, u kull meta xi ħadd mill-voluntiera li jieħdu ħsieb il-qtates ikun jeħtieġ l-użu ta' xi waħda mill-*cat traps*, ikun jista' jiġi l-Kunsill sabiex jissellifha. Dan hu partikolarment importanti fid-dawl tal-fatt li xi wħud minn dawn il-

voluntiera spjegaw kif mhux il-qtates kollha jħallu lil xi ħadd jaqbadhom u mhux l-ewwel darba li jkunu grixtija u jaħarbu meta xi ħadd minnhom jipprova jagħmel dan.

Qasam ieħor ta' prijorità li fih il-Kunsill Lokali tagħna jeħtieġ l-għajnuna u li għalhekk applika għall-fondi huwa dak tal-*Veterinary Service Incentive for stray animals*. Il-qtates li jkun hemm jiġru fit-toroq u li jiddependu minn dawk li jieħdu ħsiebhom, m'għandhomx jittieħdu għand il-veterinarju biss meta ssirilhom l- operazzjoni biex jiġu msewwija. Il-volontiera spjegaw kif mhux l-ewwel darba li jkun hemm xi annimal li jkollu bżonn kura medika minħabba li jew ikun intlaqat minn xi karozza jew li tkun ħakmitu xi marda jew kundizzjoni li ma tkunx tista' tiġi kkurata jekk mhux bl-għajnuna professjonali ta' xi veterinarju. Mhux l-ewwel darba li l-voluntiera jkollhom idaħħlu jdejhom fil-but sabiex tali kura medika tkun tista' tingħata lil dawn l-annimali li jkunu qegħdin jiġġerrew fit-triq u huwa propju għalhekk li l-Kunsill jeħtieġ il-fondi mill-gvern ċentrali sabiex dawn jitqassmu b'mod ekwu fost il-voluntiera kull meta dawn jeħtieġuhom sabiex l-annimali li jieħdu ħsieb jittieħdu għand il-veterinarju.

## Il-Fondi tal-Unjoni Ewropea

F'dan ir-rigward nixtieq nirringrazzja lill-Kunsilliera li kienu inkarigati minn dan id-dekasteru qabli tal-ħidma sfieqa tagħhom fejn inkisbu fondi sabiex jiġi rrestawrat il-bini tal-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata. Kif tinsab l-iskema għall-applikazzjoni ta' fondi għar-restawr ta' statwi u affarijiet oħrajn ta' valur kulturali fir-raħal, sfortunatament Ħal Balzan m'huwiex ikkunsidrat bħala raħal rurali u għaldaqstant huwa eskluż mill-programm hekk imsejjaħ '*Leader*'. Programm bħal dan kien ikun ideali peress li għandu Miżura speċifika li titlob ir-restawr ta' assi kulturali, u sfortunatament m'hemmx opportunitajiet oħra ta' finanzjament għar-restawr.

Ninsab konxju li l-Unjoni Ewropea tappoġġa proġetti li jgħaqqdu ċittadini minn bliet differenti fl-Ewropa sabiex dawn jissieħbu fi proġetti ta' ġemellaġġi. L-Unjoni tagħmel dan timmobilizza liċ-ċittadini fuq livelli lokali u fuq dak Ewropew biex jiddibattu dwar kwistjonijiet konkreti mill-aġenda politika Ewropea, din il-miżura tfittex li tippromwovi l-parteċipazzjoni ċivika fil-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE u tiżviluppa opportunitajiet għal impenn tas-soċjetà u volontarjat fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Lokali bagħat imejl lill-Kunsill Lokali ta' Ficarra fi Sqallija, bil-għan li jembarka fuq proġett ta' ġemellaġġ ma' din il-lokalità, biss il-Kunsill Lokali tagħna ma rċieva ebda rispons f'dan ir-rigward u sa issa għadna mdendlin.

Skema li bħala Kunsill Lokali tinteressana ferm hija dik ta' Appoġġ għal Inizjattivi Żgħar, li hi speċifikament imfassla sabiex tgħin lill-applikanti li qed ifittxu fondi fuq proġetti żgħar li jistgħu jagħmlu differenza reali fil-komunitajiet lokali tagħhom. L-għotja għal proġetti taħt din l-iskema għandha tkun mhux inqas minn elf ewro (€1,000) u mhux iżjed minn tliet elef ewro (€3,000).

Skema oħra attraenti ferm hija l-Iskema ta' Għajnuna lil Każini tal-Banda'. Din l-iskema tinkludi wkoll appoġġ mogħti lil każini tal-banda u l-attivitajiet eliġibbli taħt din l-iskema jinkludu fost oħrajn restawr ta' oġġetti ta' valur bħal ngħidu aħna pitturi, strumenti mużikali antiki, arkivji mużikali. Tali skema hija intiża wkoll sabiex tassisti lis-surmastrijiet, l-assistenti tas-surmastrijiet u l-għalliema tagħhom fi programm ta' edukazzjoni u taħriġ mużikali mmirat għalihom f'istituzzjonijiet edukattivi Maltin ta' livell terzjarju, liema programmi ta' studju u tagħlim huma organizzati b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet tal-'Band Unity'.

Hawnhekk ma nistax ma nsemmix l-iSkema ta' Proġetti għal Organizzazzjonijiet Volontarji, maħsuba sabiex jgħin lill-applikanti li qegħdin ifittxu fondi fuq proġetti li jistgħu jagħmlu differenza reali għall-komunitajiet lokali tagħhom. Din l-iskema tappoġġja inizjattivi ibbażati fuq il-proġett - f'liema każ l-għotja li tintalab m'għandhiex taqbeż l-għoxrin elf ewro (€20,000); proġetti infrastrutturali - f'liema każ l-għotja mitluba m'għandhiex taqbeż €20,000; u kif ukoll proġetti ta' riċerka, f'liema każ l-għotja li tintalab m'għandhiex taqbeż l-għaxart elef ewro (€10,000).